# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 2**

**Rikors numru 92/16 JPG**

**Christopher Bartolo**

**v.**

**(1) Avukat Generali; u**
**(2) Kummissarju tal-Pulizija**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, mis-sentenza moghtija fit-23 ta' Novembru, 2017, [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza

kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], fejn dik il-Qorti ddikjarat li kien hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq minhabba li hu ma kienx inghata access ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjonijiet maghmula mill-pulizija u bhala rimedju tat is-segwenti ordnijiet:

> "1.Tordna l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxat minnu lill-pulizija, u kwalunkwe xhieda tal-pulizija li taghmel referenza ghal kontenut ta' dawn l-istqarrijiet;
>
> "2.Tordna illi r-rikorrenti jinghata l-possibilita li jirtira jew jikkonferma l-ammissjoni maghmula minnu quddiem il-Qorti;
>
> "3.Tordna illi fil-kaz li r-rikorrent jirtira l-ammissjoni maghmula minnu, jigu sfilzati r-rapport tal-Probation Officer Carmen Nygaard u kwalunkwe referenza ghal ammissioni maghmula mir-rikorrent.
>
> "L-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi a karigu tal-intimati u terz a karigu tar-rikorrent."

Mertu

2. Fis-succint il-fatti relevanti huma dawn. Wara tfitxija u b'rizultat tal-istess il-pulizija sabet blokkok tal-cannabis fir-residenza tar-rikorrent li minn naha tieghu ammetta li dawn kienu tieghu. Qabel ma sar l-ewwel interrogatorju fil-31 ta' Mejju 2013 r-rikorrent kien thalla jitkellem mal-avukat tieghu li pero` ma thalliex ikun prezenti waqt ir-rilaxx tal-istaqarrija; sussegwentement l-ghada rega' gie interrogat izda din id-darba ma inghatax l-opportunita` li jikkomunika mal-avukat tieghu. Dawn l-istqarrijiet gew konfermati minnu bil-gurament quddiem il-magistrat inkwirenti, u fix-

xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrent ikkonferma fuq kontro-ezami li dak li kien qal fl-istqarrijiet kienet il-verita`.

3. Sussegwentement meta r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha kriminali taghha u meta allura kien debitament assistit mill-avukat tieghu huwa ammetta ghall-akkuzi ghal izjed minn darba u dan minkejja li dik il-Qorti[1] kienet taghtu l-opportunita` u z-zmien sabiex jerga' jahsibha. Fis-seduta[2] sussegwenti huwa, ukoll legalment assistit mid-difensur tieghu, rega' tenna' l-ammissjoni tieghu.

4. Wara li nqatghet is-sentenza mill-Qorti Kriminali[3] ir-rikorrenti, allura akkuzat, appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab lil dik il-Qorti *"joghgobha tilqa' dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.."* izda tirriformaha in kwantu ghal piena.

5. Huwa opportun li jigi rilevat li d-difiza tar-rikorrent fil-proceduri kriminali tistrieh fuq l-allegazzjoni maghmla minnu li qabel ma hu kien gie interrogat huwa kien ghadu kemm gej mill-Isptar fejn kien ghadu kemm ghadda mill-process ta' dialysis li beda fis-6.00 am u dam san-12.30 pm ta'

[1] Fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2013
[2] Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2014
[3] Il-kaz minn quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja eventwalment gie riferut lill-Qorti Kriminali

dak in-nhar stess. Minkejja dan quddiem il-qrati kriminali l-kontestazzjoni dejjem kienet dwar il-piena u mhux dwar l-validita` o meno tal-ammissjonijiet tieghu, kemm qabel kif ukoll matur il-proceduri kriminali.

6. Meta l-kaz wasal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ir-rikorrent talab u ottjena diversi differiment biex jsir patteggjament dwar il-piena. Kien f'dan l-istadju tal-proceduri kriminali li r-rikorrent istitwixxa il-proceduri quddiem il-qrati b'gurisdizzjoni kostituzzjonali.

7. Illi r-rikorrent appellat fetah dawn il-proceduri biex jikseb dikjarazzjoni li d-dritt fondamentali tieghu ta' smiegh xieraq kif protett taht l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] kienu gew lezi, u ghaldaqstant talab lill-ewwel Qorti sabiex *"takkorda dawk ir-rimedji xierqa u effettivi fic-cirkostanzi, <u>fosthom</u>*[4] *l-isfilz tal-istqarrija tieghu mill-process kriminali u dan salv kull provvediment xieraq u opportun li dik l-ewwel Qorti kien jidhrilha taghti."*

8. Fir-risposta elaborata taghhom, l-intimati appellant eccepixxa, inter alia, (i) in-nuqqas ta' interess guridiku fir-rikorrent f'dawn il-proceduri; (ii) l-

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti

intempestivita` ta' dawn il-proceduri ghax il-proceduri kriminali ghadhom pendenti; (iii) li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni u, [iv] li r-rikorrent kellu juza r-rimedji ordinarji qabel ma rrikorra ghall-proceduri kostituzzjonali

Is-Sentenza Appellata

9. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**Ir-rikorrent Christopher Bartolo** xehed a fol 66 *et seq* illi meta kien gie arrestat mill-pulizija kien ghadu hiereg mill-isptar wara hames sieghat *dialysis,* li kienet bdiet fis-6am u spiccat fin-12.30, u kien sab il-pulizija d-dar jistennewh. Spjega illi dak il-hin hu kien ghajjien hafna u kien sturdut. Kien bil-guh u bil-ghatx u kellu bzonn jigi f'tieghu. Kompla li kellhu bzonn id-*dialysis* ghaliex kienu waqfu jahdmulu l-kliewi. Zied li dak iz-zmien kien ukoll ghaddej minn depressjoni peress li kienet ghadha kif mietet ohtu minhabba kancer fil-mohh. Kien kostrett jmur joqghod Ghawdex peress li ma kienx jista' jhallas kera u jhalli wiehed minn uliedu warajh. Apparti dan kollu kien ghadu kif ghamel tliet operazzjonijiet b'soggorn ta xahar l-isptar biex jirkurpra mill-operazzjonijiet. Zied illi *dialysis* kien ikollu jaghmel darba iva u darba le, pero llum il-gurnata m'ghadux jaghmel *dialysis* peress illi ghandu *transplant,* u ghalhekk jehtieg minflok li jiehu kura medika u jmur ghal *follow up* l-isptar darba fix-xahar.
>
> "Xehed illi d-dar tieghu l-pulizija sabu l-haxixa u minn hemm haduh l-ghassa fejn gabulu lil Avukat Dr. Joshua Grech li tah parir biex ma jghid xejn waqt l-interrogatorju. Spjega li waqt l-interogatorju kien hemm sitt pulizija, u dak il-hin hu kien ghajjien hafna u kien ghadu ma kiel u xorob xejn. Kompla li hu qatt ma kien arrestat qabel u ghalhekk minhabba dawn ic-cirkostanzi kollha mohhu ma kienx hemm. Qal ukoll li l-Ispettur beda jsemmilu l-Artikolu 29, li ma kienx jaf bih qabel, u jghidlu li bih jehlisha hafif u ghalhekk beda jitkellem, izda ma jiftakarx x'qal peress li beda jhawwad fil-kliem, u llum il-gurnata ma jaqbilx ma dak li hemm fl-istqarrija. Xehed ukoll li hass li l-pulizija kienu qed jghadduh biz-zufjett billi bdew jimplikaw li

kien qed imur il-Gzira ghall-prostituzzjoni meta qalilhom li kien mar il-Gzira jixtri l-haxixa. Qal illi l-interrogatorju spicca ghal xi t-tmienja ta' fil-ghaxija u meta staqsihom biex jiekol qalulu li huma m'ghandhom xejn u jrid icempel id-dar biex xi hadd igiblu l-ikel. Ghalhekk kellu jsaqsi lil xi hadd biex icempel lit-tfajla tieghu u kien kostrett jistenna sad-9 pm biex jiekol u jixrob, ghaliex kien inghata biss te l-isptar. Spjega li l-Ispettur kien jaf bil-kondizzjoni tieghu ghaliex x'hin kien wasal id-dar kien staqsewh minn fejn gej u kien qalilhom bis-sitwazzjoni tieghu. Qal ukoll illi l-ghada rega gie interrogat mill-pulizija, izda din id-darba ma nghatax l-opportunita li jkellem avukat.

"**In kontro-ezami** a fol 182 *et seq* xehed illi dakinhar li gie arrestat l-isptar kien mar bil-mixi mill-Fontana.

"**L-Ispettur Bernard John Spiteri** xehed a fol 95 *et seq* illi l-pulizija tas-CID kellhom xi informazzjoni li r-rikorrent kien qed jitraffika d-droga u ghalhekk fil-31 ta' Mejju kienu waqqfu lit-tfajla tieghu l-Imgarr u marru maghha r-residenza taghhom. Spjega li t-tfajla tar-rikorrent kienet cemplitlu u meta wasal saret tfittxija fejn kienu nstabu diversi blokok ta' kannabis. Xehed li ma jafx ezatt meta l-pulizija ghamlu l-ewwel kuntatt mar-rikorrent, pero kien bejn is-siegha u s-saghtejn ta' wara nofsinhar. Qal li fl-istqarrijiet tieghu, r-rikorrent ikkopera mal-pulizija u ammetta li gieli kien biegh xi haga tad-droga u kien anke indika minghand min. Rigward il-pulizija prezenti waqt li saret l-interrogazzjoni, xehed illi l-pulizija kienu dawk mnizzla fuq l-istqarrija. Xehed illi din kienet l-ewwel darba li ltaqa mar-rikorrent u li kien sar jaf bic-cirkostanzi medici tieghu dakinhar li gie arrestat. Spjega li r-rikorrent kien qalilhom li jmur l-isptar u li jaghmel *dialysis,* izda ma ftakarx jekk qallux li dakinhar kien ghadu kif gej mill-isptar. Xehed illi huwa kien informa lir-rikorrent bid-dritt tieghu li jikkonsulta ma' avukat u li filfatt kien kellem lil Dr. Joshua Grech qabel ma gie interrogat izda l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju. Ikkonferma illi r-rikorrent ma nghatax l-opportunita li jerga jkellem lill-avukat tieghu qabel ma rrilaxxa t-tieni stqarrija.

"Xehed illi r-rikorrent ma lmentax li kien ghajjien u li ikel u xorb jinghata lil min ikun arrestat mill-pulizija tal-*lock up*, pero ma ftakarx jekk ir-rikorrent kienx talabhom xi haga x'jiekol jew x'jixrob.

"**In kontro-ezami** a fol 101 *et seq* xehed illi huwa ma nnotax li r-rikorrent kien mugugh waqt l-interrogazzjoni, u r-rikorrent ma ghamel ebda lment. Rigward l-Artikolu 29 xehed illi l-prassi hija li l-pulizija dejjem jinformaw lil persuna li jkunu qed jinvestigaw li jekk taghtihom informazzjoni preciza li tghin lill-pulizija f'investigazzjoni ohra, l-pulizija jinformaw lil Qorti biex jigi applikat l-Artikolu 29 u l-persuna tibbenefika minn tnaqqis fil-piena. Innega li kien hemm xi hadd li ghadda xi rimarka ghaliex ir-rikorrent qal li kien xtara d-droga mill-Gzira. Ikkonferma li mill-informazzjoni li tahom, ir-

rikorrent il-pulizija kienu ghamlu investigazzjoni kontra persuna ohra u llum il-gurnata hemm proceduri l-Qorti kontra din it-terza persuna.

“**In re-ezami** a fol 105 *et seq* kkonferma illi quddiem il-Qorti Kriminali m’ghamilx dikjarazzjoni li r-rikorrent jibbenefika mill-Artikolu 29, izda kien indika li l-informazzjoni illi kien ta kienet wasslet lil pulizija biex tiehu azzjoni kontra persuna ohra, u kien ukoll informa lil Avukat Generali li fl-opinjoni tieghu r-rikorrent ghadnu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-Artikolu 29.

“................................ omissis ................................

“Permezz tal-ewwel eccezjoni, l-intimati eccepew illi r-rikorrent m’ghandhux l-interess guridiku rikjest sabiex iressaq din l-azzjoni u dan peress illi huwa ghazel li jammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu, li ghalhekk ifisser li din l-azzjoni m’ghandha l-ebda utilita ghaliex anke jekk jigu sfilzati l-istqarrijiet tieghu, il-posizzjoni tieghu xorta wahda ha tibqa’ l-istess minhabba li huwa minn jeddu ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontrih.

“L-intimati eccepew ukoll, permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom, illi l-fatt li r-rikorrent ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu, talab li jigi redatt *pre-sentencing report* u ppattegja dwar il-piena, idghajjef serjament is-serjeta u s-siwi tal-ilment tieghu.

“Il-Qorti pero ma taqbilx ma’ dawn l-argumenti tal-intimati. Meta r-rikorrent ammetta l-akkuzi migjuba kontrih quddiem il-Qorti, hu kien rinfaccjat b’sitwazzjoni fejn in atti kien diga hemm il-konfessjoni li huwa ta lil pulizija fil-istqarrijiet impunjati f’dawn il-proceduri. Ghalhekk f’dak il-mument ir-rikorrent kellha zewg opzjonijiet:

“1. Jiddikjara li mhux hati, fi process fejn bhala prova kontra tieghu kienet ser tintuza konfessjoni li huwa kien ta lil pulizija, u fi process li skont il-ligi, fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija seta` jwassal ghal imposizzjoni ta’ piena karcerja severa;
“2. Jew, in vista tal-istqarrijiet li huwa ta lil pulizija, jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu, biex b’hekk ikun f’posizzjoni li jippattegja dwar il-piena, u forsi jehel piena anqas severa.

“Meta wiehed iqis x’kienet l-ghazla li kellu quddiemu r-rikorrent, f’mument fejn kien kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat waqt li kien qed jissielet ma’ kondizzjoni medika severa u terminali, huwa facli jifhem il-ghaliex ghazel li jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti zgur ma tistghax tqis illi dan it-tip ta’ *Hobson’s choice* jista’ jissarraf f’ghazla libera ghar-rikorrent sabiex jammetta l-akkuzi kontra tieghu. Hu proprju ghal din ir-raguni li skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta’ Strasbourg, in-nuqqas ta’ assistenza legali fl-istadju tal-*pre-trial,* twassal sabiex id-dritt tal-akkuzat

ghal smiegh xieraaq ikun ***irretrievably prejudiced.*** Ikkonsidrat illi l-konfessjoni li ta lil pulizija necessarjament ghandha rwol centrali fl-ghazla tieghu li jammetti, minhabba r-riperkussjonijiet reali u severi li seta` jkollha din il-konfessjoni, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti Kriminali u l-istqarrijiet li huwa rrilaxxa lil pulizija huma intrinsikament konnessi.

“F’dan il-kuntest, il-Qorti tirrileva illi hija ghandha l-poter li taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhirlha xierqa, inkluz li tivvaka l-ammissjoni tar-rikorrent, fil-kaz li ssib li l-ilmenti tar-rikorrent huma fondati. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa car illi din l-eccezzjoni tal-intimati m’ghandhiex mis-sewwa, u dan ghaliex n-nuqqas ta’ utilita li qed jirravizaw l-intimati, tista’ facilment tigi rimedjati minn din il-Qorti stess, f’din is-sentenza, jekk ikun il-kaz.

“Ghalhekk l-ewwel u t-tieni eccezzjoni qed jigu michuda.

“**Ikkonsidrat;**

“Permezz tat-tielet u r-raba’ eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew illi safejn l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, din l-azzjoni hija ntempestiva peress li l-proceduri kriminali kontra tieghu ghandhom ma ntemmux, inoltre li r-rikorrent m’ghamilx uzu mir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih, u li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghadhom pendenti u ghalhekk ghad hemm cans li jkun hemm ezitu li r-rikorrent ikun kuntent bih.

“Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni, il-Qorti tirrileva illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta’ Strasbourg li giet abbracjata u applikata mill-Qrati Maltin, restrizzjonijiet fid-dritt ghal avukat waqt il-perjodu ta’ *pre-trial* jikkawzaw *irretrievable prejudice* lid-dritt ta’ individwu ghal smiegh xieraq. Ghalhekk f’dan ir-rigward ma jistax jinghad illi l-azzjoni hija bikrija ghaliex l-ilment irid jigi ezaminat fuq l-assjem tal-procedura, u dan peress illi skont il-gurisprudenza, restrizzjoni mhux gustifikata tad-dritt ta’ individwu ghall-assistenza legali fil-fazi *pre trial* wahedha, hija bizzejjed sabiex twassal ghal ksur tad-dritt ta’ individwu ghal smiegh xieraq, indipendentement mill-bqija tal-proceduri.

“Fir-rigward tar-raba’ eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Briegel Micallef vs L-Avukat Generali** deciza minn din i-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta’ Frar 2017 fejn intqal illi:

> “…*f’każijiet ta’ xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni trid tgħaddi wkoll minn għarbiel ieħor ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni bħal din ukoll tista’ titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta’ jedd bħal dan. Fil-każ li għandna quddiemna, il-fatt waħdu li l-intimat eċċipjenti jorbot l-intempestivita` mal-kawża li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jġibx li din il-kawża tressqet qabel*

*waqtha, u l-eżami li trid tagħmel il-Qorti irid jagħti riżultati aqwa mis-sempliċi kostatazzjoni ta' proċeduri oħrajn pendenti quddiem qrati oħra*."

"Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha ghar-raguni li seta` kien hemm rimedji ordinarji:

" *…ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz*."[5]

"................................ omissis ................................

"Fil-kaz odjern il-Qorti rat illi parti sostanzjali mill-ilment tar-rikorrent jirrigwarda il-fatt illi l-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legal **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indagni li trid taghmel ixxaqleb izjed lejn kwestjoni kostituzzjonali, ghaliex il-Qorti trid tiddetermina jekk, il-legislazzjoni ta' dak iz-zmien, kienetx leziva jew le tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Il-Qorti tqis ukoll illi galadarba kienet il-ligi stess illi ma kienetx tippermetti li r-rikorrent kollu l-assistenza ta' avukat **waqt** l-interrogazzjoni, ir-rikorrent ma kellu l-ebda rimedju ordinarju li seta` jirrikorri ghalih, u dan peress illi huma biss il-Qrati ta' gurisidizzjoni kostituzzjonali, u mhux il-Qrati ordinarji, li jistu' jiddeterminaw il-validita kostituzzjonali ta' ligijet u jaghtu rimedji effetivi fil-kaz li jikkonkludu illi l-ligi minnhm ezaminata tilledi d-drittijiet fondamentali garantiti permezz tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni.

"Ghalhekk it-tielet u r-raba' eccezzjoni qieghdin ukoll jigi michuda.

"................................ omissis ................................

"**Ikkonsidrat;**

"Fil-meritu, l-ilment tar-rikorrent a bazi tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea jirrigwarda s-segwenti tliet konsiderazzjonijiet:

"1. In-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interogazzjoni;
"2. Il-fatt illi r-rikorrent ma regghax thalli jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel it-tieni interrogazzjoni;
"3. Ksur tad-dritt tieghu ghal tribunal indipendeni u mparzjali.

5David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku, Qorti Kostituzzjonali (14 ta' Mejju 2004).

“**Rigward id-dritt ghal assistenza legali**

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar-rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s-sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta’ l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.

“Il-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m’huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma’ avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti **waqt** it-tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur. **M’huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f’dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.**

“................................ omissis ................................

“Konferma terga aktar cara ta’ dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Navone and others v. Monaco** deciza mill-Qorti ta’ Strasbourg fl-24 ta’ Ottubru 2013, fejn il-Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta’ Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma’ avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni[6], **kienet leziva tad-dritt ta’ smiegh xieraq:**

> “*Or, en l’espèce, nul ne conteste qu’à l’époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d’une assistance d’un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu’une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l’avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*
>
> “(…)
>
> *“Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l’assistance d’un conseil au sens de l’article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l’époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories.*”

“Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta’ smiegh xieraq konsiderat illi ma

[6] Bhas-sistema Maltija f’dak iz-zmien.

kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis** fejn intqal illi:

> "…***jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.*** *F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor.*"

"Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il-garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni.

"M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni **kien hemm restrizzjoni sistematika** li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.

"Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir-rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal-interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat *dialysis*, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat *dialysis*. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda *record* tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir-rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat *dialysis* u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil-kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat *dialysis.*

"Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar-rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat *dialysis.* Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d-depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.

"Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "*compelling reasons"* - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar-rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.

"Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.

"................................ omissis ................................

"**Ikkonsidrat;**

"Jifdal issa li l-Qorti tikkonsidra x'rimedju ghandu jinghata lir-rikorrent ghal-lezjoni ta' smiegh xieraq sofferta minnu meta ma inghatax il-possibilita li jigi assistit minn avukat waqt l-interrogazzjonijiet maghmula lilu mill-pulizija.

"Il-Qorti taghraf illi id-drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ghandhom ikunu prattici u effettivi u mhux biss teoretici u illuzjorji. Taghraf ukoll illi r-rikorrent ghandu dritt ghal rimedju effettiv. Taghraf ukoll illi huwa risaput illi sabiex rimedju jkun verament effettiv, safejn huwa possibli il-Qorti trid tirritorna lir-rikorrent ghall-*istatus quo ante,* u cioe ghal posizzjoni li kien jinsab fiha qabel ma gie kommess l-att leziv ghad-drittijiet fondamentali tieghu.

"Il-Qorti tqis ukoll illi l-oghti ta' rimedji verament effettivi mill-Qrati ghal lezjonijiet ta' drittijiet fondamentali m'huwiex biss ta' importanza fondamentali u kritika ghas-salvagwardja ghad-drittijet tal-individwu li jkun ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti, izda wkoll ghas-salvagwardja tal-

> fiducja li kull persuna li taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Istat ghandu jkollha fil-Qrati, bhala tarka ta' protezzjoni ghalihom kontra kwalunkwe abbuz ta' poter li jista' jigi perpetrat mill-iStat bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom. Din il-fiducja hija fondamentali sabiex fil-pajjiz verament tkun tista' tirrenja s-Saltna ta' Dritt, ghaliex fin-nuqqas ta' poter vestit f'xi awtorita pubblika ndipendenti u awtonoma sabiex tinvestiga *di sua sponte* vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali kommessi mill-Istat, tali investigazzjoni u determinazzjoni tiddependi esklussivament fuq il-fiducja tac-cittadin li jressaq, a spejjez almenu inzjalment tieghu, ilmenti dwar tali lezjonijiet a konjizzjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk, jekk din il-Qorti tonqos milli tispira fiducja fic-cittadin, tkun qieghda hija stess timmina s-Saltna tad-Dritt f'pajjizna.
>
> "Ghalhekk huwa fuq dawn il-binarji illi l-Qorti trid tiddetermina x'ghandu jkun ir-rimedju moghti lir-rikorrent.
>
> "Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rimedju effettiv ghal ksur tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq soffert mir-rikorrent jirrikjedi mhux biss l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati minnu, u kwalunwke xhieda tal-pulizija li taghmel referenza ghal kontenut ta' dawn l-istqarrijiet. Il-Qorti tqis illi r-rikorrent ghandu jinghata l-opportunita li jikkonferma jew jirtira l-ammissjoni li huwa ghamel quddiem il-Qorti Kriminali, galadarba tali ammissjoni kienet neccesarjament konnessa mal-istqarrijiet rilaxxati minnu. Il-Qorti tqis ukoll illi fil-kaz illi r-rikorrent jaghzel li jirtira l-ammissjoni tieghu, ghandu jigi sfilzat il-*pre-sentencing report* tal-*probation officer* Carmen Nygaard, peress illi dan jikostitwixxi konferma tal-ammissjoni tar-rikorrent. Huwa biss b'dan il-mod illi l-iStat jista jigarantixxi li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ma jkunux mittiefsa mill-ksur ta' dritt fondamentali ikkonstatat minn din il-Qorti."

## L-Appell

10. L-intimati appellaw minn din is-sentenza u ddikjaraw li huma *"ma jaqblux biss ma' dawk il-partijiet fis-sentenza appellata fejn instab mill-Ewwel Onorabbli Qorti li kien hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq u fejn*

*inghata rimedju ghal dak il-ksur. Ghalhekk dan l-appell ewlieni tal-esponenti huwa dirett biss lejn dawn il-partijiet tas-sentenza."*[7]

11. L-intimati spjegaw li l-ewwel aggravju taghhom huwa dwar il-fatt li l-ewwel Qorti kienet harget 'il hemm mill-parametri ta' l-azzjoni kostituzzjonali imressqa quddiemha meta iddecidiet dwar is-siwi tal-ammissjoni li l-appellat kien irregistra ghal aktar minn darba quddiem il-qrati kriminali. L-ilment kostituzzjonali imressaq mir-rikorrent jirrigwarda biss il-mod kif kienu ttiehdu l-istqarrijiet mill-Pulizija u mhux ghaliex hu kien ammetta fil-proceduri kriminali. Ghalhekk minkejja li l-ewwel Qorti kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex jitnehhew l-istqarrijiet tieghu mill-process kriminali, dik il-Qorti ma setghetx tmur oltre dak mitlub fir-rikors promotur u taghti rimedju iehor. Ghalhekk, dik il-parti tad-decide li tirrigwarda l-ammissjoni tar-rikorrent fil-proceduri kriminali ghandha tigi revokata ghaliex dik il-Qorti waqghet fl-*ultra petitum*.

12. It-tieni aggravju tal-intimati appellanti kien jirrigwarda c-cahda tal-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku fir-rikorrent. L-intimati jsostnu fir-rigward li, stante li r-rikorrent appellat kien stqarr il-htija tieghu sahansitra erba' darbiet quddiem il-qarti kriminali, hu ma kien ghad fadallu

[7] Fol.271

l-ebda interess li jitnehhew l-istqarrijiet fil-process kriminali. Huma komplew jispjegaw hekk dan l-aggravju taghhom:

> “Wiehed ma jridx jinsa hawnhekk li l-azzjoni kostituzzjonali tal-appellat hija mahsuba biex jitnehhew l-istqarrijiet tieghu mill-process kriminali, l-esponenti bilfors jistaqsu x'jiswa li jitnennew l-istqarrijiet jekk kemm-il darba hemm il-konfessjoni gudizzjarja? L-ezercizzlu kostituzzjonali dwar is-siwi tal-istqarrijiet huwa fil-fehma tal-esponenti gnalhekk inutli, ladarba l-Htija ma gietx imsejsa fuq l-istqarrijiet imholjja lill-Pulizija izda giet stabbilita fuq il-konfessjoni gudizzjarja maghmula b'rieda hielsa mill-appellat fil-prezenza tal-avukat tal-fiducja tiegnu. Irrispettivament jekk jigux sfilzati dawn l-istqarrijiet mill-process kriminali jew jibqghux hemmhekk, ll-pozizzjoni tal-appellat fil-proceduri kriminali xorta ha tibqa' l-istess minhabba li huwa minn jeddu ammetta l-akkuzi kollha miqjuba kontrih;
>
> “Li kieku l-appellat fil-proceduri kriminali wieqeb mhux hati tal-akkuzi mressqa kontrih, wiehed seta` jifhem l-interess fl-appellat li jigu rnnehhija l- istqarrijiet ghax dawn kellhom il-potenzjal li jpoqquh f'dell ikrah meta l-qorti tigi biex tiddecidi jekk kienx hemm htija jew le. Imma peress li f'dan il-kaz l- appellat stqarr il-htija tieqhu mhux gnal darba wahda imma gnal erba' darbiet (darbtejn fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 u darbtejn ohra fisseduta tal-14 ta' Mejju 2014), ll-prezenza jew le tal-istqarrijiet fil-process kriminali hija irrilevanti ghax bihom jew minghajrhojm l-appellat accetta li huwa hati tat-akkuzi miqjuba kontrih. Tant hu hekk, li anke quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa jrid li l-htija tiegnu minhabba l-ammissjoni tibqa' kkonfermata;
>
> “Dan kollu jaqbel perfettament ma' dak li ntqal fis-sentenza *Stephen Nana Owusu vs. Avukat Generali* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Jannar 2016 u aktar tard ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2016. Fiha nqhad hekk,
>
> > ‘Ikkonsidrat li meta rrikorrent ammetta l-akkuti migjuba kontrih quddiem il-Qorti Kriminali kien assistit minn Avukat. L-ammissjoni tieghu giet registrata u kienet b'riferenza ghal din l-ammissjoni, u mhux gnall-istqarrija tieghu, li l-Qorti imbaghad ghaddiet biex tfisser il-piena imposta fuqu. Ir-rikorrent kien jaf li ma kienx intlahaq ftehim mal-Avukat Generali u certament seta` kien mgharraf mill-Avukat tieghu dwar in-natura tal-piena li l-akkuzi kienu jikkominaw. Anzi, gie mwissi mill-Qorti stess "in the most solemn manner" dwar il-konsegwenzi tal-ghazla tiegnu u tatu xi hin biex jahsibha. Gnalhekk fil-kaz odjern, ma jistax jinghad li l-istqarrija kellha xi impatt fuq id-decizjoni tal-Qorti u l-piena imposta gnaliex provi ma tressqux proprju b'konsegwenza ta/-ammissjoni tieghu’;

"F'dan il-kuntest l-esponenti ma jaqblu xejn mal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn tghid li meta Bartolo tressaq quddiem il-qrati kriminali huwa ma kellux ghazla hlief li jammetti quddiem il-qrati kriminali ghax inkella huwa kien ser jehel piena harxa. Ghalkemm huwa minnu li z-zewqt stqarrijiet li Bartolo halla mal-Pulizija kienu jitfghu fuqu dell ta' htija, madankollu huwa seta` jattakka s-siwi ta' dawk iz-zewg stqarrijiet. Tabilhaqq ma kien hemm xejn xi jzomm lil Bartolo milli jifthah din il-kawza kostituzzjonali *qabel u mhux wara* li huwa ammetta quddiem il-qrati kriminali;

"Illi dan il-punt johrog aktar b'sahhtu meta wiehed iqis li meta Bartolo fl-2013 u fl-2014 ghogbu jammetti ghall-akkuzi mressqa kontrih, uhud mis-sentenzi tal-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem, bhal dawk ta' ***Salduz vs. It-Turkija***, ***Yesilkaya vs. It- Turkija*** u ***Danayan vs. It-Turkija***, imsemmija mill-appellat stess fir-rikors kostituzzjonali tieqhu, kienu ga nqatghu. Jiqifieri ga fl-2013 l-appellat seta` jinqeda b'dawn is-sentenzi citati minnu jekk kemm-il darba huwa kien qed ihoss li l-istqarrijiet tieqhu ttehdulu bi ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieqhu:

"Huwa minnu li s-sentenza ***Navone u ohrajn vs. Il-Principalita te' Monako*** tal-24 ta' Ottubru 2013, imsemmija fis-sentenza appellata, li aktar toqrob ghall-kaz tallum, inghatat gimgha wara li Bartolo kien ga lahaq ammetta quddiem il-Qorti waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, izda ma kien hemm xejn xi jzomm lil Bartolo milli jinqeda b'din is-sentenza biex jipprova jwaqqa' kemm l-istqarrijiet u anke l-konfessjoni gudizzjarja rnoqhtija wara, u dan minhabba l-izvilupp fll-gurisprudenza gewwa Strasburgu. Bartolo izda mhux talli ma kienx interessat li jirtira l-ammissjoni gudizzjarja izda talli sahanistra huwa reqa' tenniha waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju 2014, meta s-sentenza ta' ***Navone u ohrajn vs. Il-Principalita te' Monako*** kienet ilha li nqhatat fuq sitt xhur;

"Fuq kollox irnbaqhad, kif tajjeb rilevat mill-Qorti Kriminali fid-dikriet taqhha tal-24 ta' Novembru 2016, meta cahdet it-talba tal-appellat biex tissospendi s-smigh tal-kawza kriminali rninhabba din il-kawza kostituzzjonali, lanqas ma huwa sew li l-appellat iressaq ilment bhal dan: (i) wara li jkun ammetta f'aktar minn okkazjoni wahda, (ii) wara li jkun halef l-istqarrijiet quddiem Magistrat Inkwerenti, (iii) wara li jkun talab li jsirlu pre-sentencing report u (iv) wara li jkun anke talab li l-kaz kriminali jigi sospiz gnal sentejn shah biex jipprova jasal fi ftehim mal-prosekuzzjoni dwar il-piena. Tassew dan mhuwiex gnemil li jisthoqqlu li jigi premjat anzi huwa gnemil li jonqos fir-rispett lejn l-amministrazzjoni xierqa tal-qustizzja:

"Zgur u mhux forsi flc-clrkostanzi tal-kaz, l-esponenti mhuwiex tal-istess hsieb bhall-Ewwel Onorabbli Qorti li l-appellat kien maqbud b'*Hobson's choice*. L-esponenti lanqas ma jaqblu mal-Ewwel Onorabbli Qorti meta tghid li Bartolo kien kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat meta

> huwa ghazel li jammetti quddiem il-qrati kriminali. Anzi l-esponenti jistqarru li huma dispjacuti ferm b'dan il-kumment. Dan mhux biss ghaliex ma jirrizultax mill-atti ta' din il-kawza u mill-atti tal-process kriminali li Bartolo kien f'xi impediment fiziku u/jew psikoloqiku milli jattendi ghas-seduti quddiem il-qrati kriminali, imma anke gnaliex mill-istess atti ma jirrizultax li xi hadd mir-rapprezentanti tal-Istat gieghel jew b'xi mod influwenza lil Bartolo biex jammetti quddiem il-qrati kriminali. Il-konfessjoni li Bartolo ghogbu jaghmel quddiem Il-Maqistrat, li mhux kontestat kien persuna indipendenti u imparzjali b'harsien tal-jedd gnas-smigh xieraq, saret minn Bartolo b'mod volontarju u skont ir-rieda hielsa tieqhu. Din l-ammissjoni saret ukoll f'sessjoni pubblika fil-prezenza mhux biss tal-Magistrat imma anke tal-avukat tieghu. Ghalhekk l-esponenti jichdu bil-qawwa kollha li huma ppruvaw japprofittaw mill-appellat."

13. <u>It-tielet aggravju</u> tal-intimati appellanti hu dwar ic-cahda tal-ewwel Qorti ta' l-eccezzjonijiet tal-intempestivita` u tan-nuqqas ta' uzu tar-rimedji ordinarji. L-intimati appellanti jispjegaw li tenut kont li lment ta' ksur tad-dritt ta' smigh xieraq tirrikjedi li l-process kollu u mhux incident partikolari biss jigi mistharreg, ir-rikors imressaq mir-rikorrent appellat huwa intempestiv. L-intimati ghamlu riferenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea u wkoll tal-Qorti Kostituzzjonali.

14. Ghal dak li kien jirrigwarda n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji, l-intimati appellanti rrilevaw li l-appellat kien ressaq aggravu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kien qed jitlob li jigu mwarrba u ma jitqiesux l-istqarrijiet in kwistjoni. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tasjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ilment imressaq mill-appellat.

15. Ir-raba' aggravju tal-intimati appellanti jirrigwarda s-sejbien tal-ewwel Qorti li l-appellat kien fi stat ta' vulnerabilita` meta ttiehdu z-zewg stqarrijiet u meta ammetta ghal erba' darbiet quddiem il-qrati kriminali

16. L-intimati appellanti mbaghad jispjegaw li l-hames aggravju hu dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghaliex l-appellat ma kienx assistit minn avukat waqt l-istqarrijiet tieghu.

17. Ghalhekk, l-intimati appellanti talbu lil din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet vjolazzjoni tal-jedd ta' smigh xieraq minhabba li ma kellux avukat waqt l-interrogazzjoni tieghu u fejn akkordat rimedji minhabba tali vjolazzjoni u minflok, tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tichad it-talbiet kollha imressqa mill-appellat Christopher Bartolo; b'dana li l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mill-appellat.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-ewwel aggravju: ultra petitum*

18. Dan l-aggravju jirrigwarda dik il-parti tad-*decide* fejn l-ewwel Qorti tat lir-rikorrent appellat il-possibilita` li jirtira jew li jikkonferma l-ammissjoni;

dan ghamlitu bhala rimedju ghas-sejbien ta' ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u ma kien qed jigi deciz xejn fir-rigward tal-validita` tal-ammissjoni tieghu.

19. Din il-Qorti tibda billi fl-ewwel lok tafferma l-principju[8] li bhala Qorti Kostituzzjonali ghandha l-fakolta' li taghti kwalunkwe rimedju li jidhrilha xieraq u opportun, kemm biex twaqqaf il-vjolazzjoni kif ukoll sabiex taghti rimedju fil-forma ta' *restitutio in integrum*, u jekk dan mhux possibbli billi taghti bhala *just satisfaction* rimedju pekunjarju kif ukoll non pekunjarja fejn jidhrilha li dan hu xieraq.

20. Fit-tieni lok, tosserva li mhuwiex minnu, kif qed jigi sottomess mill-intimati, li t-talba fir-rikors promotur kienet limitata ghall-isfilz tal-istqarrijiet imma l-istess talba tinkludi li l-Qorti taghti *"dawk ir-rimedji xierqa u effettivi fic-cirkostanzi <u>fosthom</u> l-isfilz ta' l-istqarrija tar-rikorrenti...".* Minn dan jirrizulta car li t-talba tar-rikorrent kienet testendi oltre minn dik tal-isfilz tal-istqarrijiet.

[8] Ara fost ohrajn il-Qorti tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet Q.Kos. **Victor Gatt et v. Avukat Generali, u Maltapost plc** deciza 5 ta' Lulju 2011

21. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijet guridici u fattwali jirrizulta manifest li l-ewwel Qorti ma waqghetx fl-izball tal-*ultra petitum* fid-decizjoni taghha.

22. Ghaldaqstant, minghajr f’dan l-istadju ma din il-Qorti tidhol fis-siwi tar-rimedji attwalment moghti fis-sentenza appellati, dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju: interess guridiku*

23. Dan l-aggavju huwa imsejjes fuq l-eccezzjoni sollevata mill-intimati quddiem l-ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta’ interess guridiku u dana abbazi tal-fatt tal-ammissjonijiet tieghu quddiem il-qrati kriminali. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni u l-appellanti ressqu dan il-punt legali bhala aggravju fl-appell taghhom.

24. L-argument ta’ l-ewwel Qorti hu li wara l-ammissjoni tieghu, ir-rikorrent appellat kellu ghazla jergax, in vista ta’ l-ewwel ammissjoni tieghu, jammetti quddiem il-Qorti Kriminali u jippattegja l-piena tieghu, jew li jiddikjara li mhux hati bil-konsegwenza ta’ possibilita` ta’ piena karcerja severa: *Hobson’s choice* sejhitilha dik il-Qorti. Kompliet billi qalet li:

> "… hija ghandha l-poter li taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa, inkluz li tivvaka *[sic]* l-ammissjoni tar-rikorrent, fil-kaz li ssib lil-ilmenti tar-rikorrent huma fondati. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa car illi din l-eccezzjoni tal-intimati m'ghandhiex mis-sewwa, u dan ghaliex in-nuqqas ta' utilita li qed jirravizaw l-intimati, tista' facilment tigi rimedjati minn din il-Qorti stess, f'din is-sentenza, jekk ikun il-kaz.".

25. Din il-Qorti tosserva li fir-rikors promotur, ir-rikorrent appellat talab lill-Qorti kemm li taghti dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, kif ukoll dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u effettivi, fosthom l-isfilz tal-istqarrija maghmula minnu. Ghalhekk ma jistax jinghad li huwa m'ghandux interess guridiku biex jippromwovi dawn il-proceduri. Dan l-interess li jikkonsisti kemm f'dikjarazzjoni gudizzjarja li waqt it-tehid tal-istqarrijiet huwa ma kienx legalment assistit bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll fir-rimedju li jista' jkun l-isfilz tal-istqarrijiet u li skont ir-rikorrent ukoll ghandu jinnewtralizza l-effetti legali tal-ammissjonijiet maghmula quddiem il-qrati.

26. Fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 2017, fl-ismijiet **Raymond Bonnici v. Avukat Generali et***,* din il-Qorti, f'kaz simili fejn ir-rikorrent kien irrilaxxja stqarrija minghajr ma kellu l-assistenza ta' avukat, qalet li kien hemm ksur formali tad-dritt ghal smiegh xieraq, izda peress li hu ma kien sofra ebda pregudizzju b'dik il-prova, id-dikjarazzjoni ta' ksur wahedha kienet rimedju adegwat. L-istess kien inghad fis-sentenza tal-11 ta' Lulju, 2016, fl-ismijiet **Aron Cassar v. Avukat Generali***.* Is-sentenzi jkomplu

jsostnu il-principju li anke talba ghal dikjarazzjoni ta' ksur waheda hija sufficjenti sabiex tirradika l-interess guridiku fl-applikant.

27. Fir-rigward tat-tezi tar-rikorrenti li l-kontenut tal-istqarrijiet, skont hu mehuda in vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent, kellu effett fuq l-ammissjonijiet tieghu quddiem il-qrati kriminali u stante li f'dak iz-zmien skont hu, huwa kien fi stat ta' vulnerabbilita` huwa ma kellux ghazla hlief li jammetti, din it-tezi giet sostnuta mill-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata tghid:

> "Meta wiehed iqis x' kienet l-ghazla li kellu quddiemu r-rikorrent, f'mument fejn kien kompletament vulnerbbli ghall-poter tal-Istat waqt li kien qed jissielet ma' kondizzjoni medika severa u terminali, huwa facli jifhem il-ghaliex ghazel li jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti zgur ma tistghax tqis illi dan it-tip ta' *Hobson's choice* jista' jsarraf f'ghazla libera ghar-rikorrent sabiex ammetta l-akkuzi kontra tieghu."[9]

28. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din it-tezi li fil-fehma taghha hija fattwalment u legalment insostenibbli, anke jekk jigi kkonsidrat li huwa minnu li qabel ma ttiehdet l-ewwel stqarrija huwa kien ghadu gej mill-isptar fejn kien qed jiehu trattament mediku u anke jekk l-istqarrijet jitiqiesu bhala vjolattivi tal-artikolu konvenzjonali fuq citat, dan il-fatt ma jistax idghajjef l-effetti legali tal-ammissjonijiet quddiem il-qrati kriminali meta allura r-rikorrent kien legalment assistit matul dawk il-proceduri. Fil-fehma ta' din

[9] Sent. Pga.26

il-Qorti jirrizuta car li l-ghazla tar-rikorrent li jammetti ghall-akkuzi kienet ittiehdet meta kien legalment assistit u meta wkoll il-qorti kienet tatu zmien sabiex jahsibha sewwa, fatt li jindika li dik il-qorti kienet qed taghtih l-opportunita` li jirtira l-ammissjoni tieghu; izda ir-rikorrent baqa' jinsisti fuq l-ammissjoni tieghu, ovvjament bi skop li jottjeni mitigazzjoni tal-piena. Dawn il-konsiderazzjonijiet huma sorretti ukoll mill-fatt li, meta r-rikorrent kien deher quddiem il-Qorti tal-Magisrati, huwa naqas milli jattakka l-validita` tal-istqarrijiet maghmula minnu u kkonfermati minnu bil-gurament quddiem il-magistrat inkwirenti.  Li kieku r-rikorrent verament hass li l-istqarrijiet ittiehdu b'lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, kien mistenni li mill-bidu tal-proceduri kriminali meta allura kien legalment assistit, huwa jew jattakka l-validita` tal-istqarrijiet bi proceduri kostituzzjonali jew ma jammettix ghall-akkuzi, izda huwa ghazel it-triq li jammetti, u ma hemm xejn li jsostni t-tezi tieghu li l-ghazla li jammetti ma kinitx wahda libera.  Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis bhala gratuwita u mhux sorretta mill-provi l-osservazzjoni tal-ewwel qorti li l-ghazla li r-rikorrent jammetti saret meta huwa kien *"kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat"*, anzi din tinsab kontradetta mill-fatt pacifiku li matul il-proceduri kriminali u allura meta ammetta ghall-akkuzi ghal diversi drabi huwa kien dejjem assistit minn avukat.

29. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tosserva li l-intimati ghandhom ragun li jsostnu li l-ammissjonijiet tieghu u l-istqarrijiet lill-pulizija huma elementi ta' prova separati u m'humiex, fi kliem l-ewwel Qorti, *"instrinsikament konnessi*."[10] Tant hu hekk li quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent, allura akkuzat, filwaqt li talab il-konferma tal-htija tieghu kkontesta l-*quantum* tal-piena. It-talba saret f'dawn it-termini:

> "TIKKONFERMA s-sentenza appellata fejn fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu pero` TIRRIFORMA is-sentenza fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok, timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz"[11]

30. Izda din il-Qorti tosserva ulterjorment li l-fatt li dawn l-elementi ta' prova mhumiex konnessi ma jfissirx li l-istqarrijiet m'ghadx ghandhom relevanza fil-proceduri kriminali. Dan qed jinghad ghax kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali dik il-Qorti strahet fuq il-kontenut tal-istqarrijiet ghal dak li hu t-tul taz-zmien li fih ir-rikorrent kien traffika d-droga u l-ammont li kien jixtri u li kien inbiegh minn dak li kien jinxtara. Strahet ukoll fuq l-istqarrijiet meta ddecidiet li tapplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101, li jipprospetta tnaqqis fil-piena, fil-konfront tar-rikorrenti stante li dan kien zvela l-isem tal-persuna li kien jixtri minn ghandu, u tenut kont ta' dawn il-fatturi kif ukoll tal-ammissjoni bikrija tieghu dik il-Qorti waslet sabiex

[10] Sent. Pga. 26
[11] Fol.180

timponi fuqu piena karcerarja effettiva *"li tqarreb aktar lejn il-minimu"*[12] u multa.

31. Ghaldaqstant, filwaqt li l-ammissjoni quddiem il-qrati kriminali u l-kontenut tal-istqarrijiet huma zewg elementi ta' prova distinti u mhux intrinsikament konnessi in kwantu ghas-sejbien ta' htija tar-rikorrent, il-kontenut tal-istqarrijiet kellhom u ghad ghandhom relevanza in kwantu dawn ittiehdu in konsiderazzjoni fil-fissazzjoni tal-dimensjoni tal-piena li eventwalment ser tigi defenittivament stabbilita mill-Qorti tal-Appell Kriminali. F'dan is-sens il-kontenut tal-istqarrijiet ghad jistghu jkunu ta' pregudizzju (jew ta' vantagg) ghar-rikorrent meta jintemmu l-proceduri kriminali bl-ghoti tal-piena minn dik il-Qorti. Din il-konsiderazzjoni tinnewtralizza l-eccezzjoni tal-karenza tal-interess guridiku tar-rikorrent, liema interess ghandu jipperdura tul il-process kriminali kollu.

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud

*It-tielet aggravju: intempestivita` u rimedji ordinarji*

33. Dan l-aggravju jirrigwarda l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati fir-rikors promotur u li gew michuda mill-ewwel Qorti. Fis-succint l-intimati

[12] Fil.157 tergo

jsostnu li l-azzjoni odjerna hija intempestiva peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk din il-Qort ma tistghax' tqis l-ilment kostituzzjonali fit-totalita` tal-proceduri. Huma jsostnu li la darba ghad m'hemmx ezitu finali tal-proceduri, ma jistax jigi deciz jekk ir-rikorrent kienx sofra ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq tul dawk il-proceduri.

34. Fis-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet **Gordi Felice v. Avukat Generali**[13] din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijier relevanti ghall-kaz odjern:

> "59. Fil-kaz tallum, bhal fil-kaz ta' ***Dimech***[14], il-proceduri ghadhom ma ntemmux. Il-Qorti Ewropea fil-każ ta' ***Dimech*****,** kienet qalet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. L-istess ħaġa qalet fis-sentenza aktar riċenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet ***Tyrone Fenech et v. Malta***, fejn iċ-ċirkostanzi kienu jixbhu dawk tal-każ tallum.
>
> ".................................... omissis ....................................
>
> "60. L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' ***Malcolm Said***[15], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn kompromettenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni x'aktarx estrema li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' ***Borg*** li xejn ma qieset jekk nuqqas ta' avukat jistax fiċ-ċirkostanzi jkun biss nuqqas formali li ma jista' jkollu ebda

[13] Kos.3/15 deciza 27 Novembru 20 – Ara ezami komparattiv ta' kazistika relevanti tal-Qorti Ewropea maghmul minn din il-Qorti
[14] Q.E.D.B Dimech vs Malta deciz fit-4 ta' April 2015
[15] Kost. 24 Gunju 2016

> konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarita` li tista' twassal ghall-konsegwenti bhal dawk fil-kaz ta' ***Borg***."

35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.

36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-*quantum* tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u

ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.

38. Ghaldaqstant f'dan is-sens il-parti tal-aggravju hija fondata u qed tigi milqugha fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

39. L-ewwel Qorti cahdet ukoll l-ecezzjoni tal-appellant li qabel ma r-rikorrent jirrikorri ghal dik il-Qorti huwa kellu juza r-rimedji ordinarji a disposizzjoni tieghu. Din il-Qorti tikkonsidra li r-rikorrent appellat ma kellu ebda rimedju adegwat sabiex jindirizza l-ilmenti tieghu. Il-Qorti tosserva li jirrizulta pacifiku li l-istqarrijiet ittiehdu skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien. Di

fatti qabel l-ewwel stqarrija r-rikorrent kien thalla jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel ma sar l-interrogatorju, izda l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju ghax il-ligi f'dak iz-zmien ma kinitx tippermetti dan. Ghalhekk l-unika triq li kellu r-rikorrent f'dawn ic-cirkostanzi sabiex jattakka l-istqarrijiet kienet proprju dik li jistitwixxi proceduri kostituzzjonali, kif fil-fatt ghamel.

40. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju m'hijiex gustifikata u qed tigi michuda.

*Ir-raba' u l-hames aggravju: vulnerabbilita`, u dritt ta' avukat waqt interrogazzjoni*

41. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, tenut kont li t-tielet aggravju gie limitatament milqugh billi gie stabbilit li l-proceduri odjerni in kwantu diretti ghad-determinazzjoni dwar jekk sehhitx lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorent fil-proceduri kriminali, huma intempestivi, mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iz-zewg aggravji.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-intimati, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u tordna, minflok, li biex ma jsehhx ksur tad-

drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu fil-proceduri kriminali miz-zewg stqarrijiet rilaxxjata mir-rikorrent.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi inserita fl-inkartament tal-atti kriminali fil-konfront ta' Christopher Bartolo

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell jigu sopportati miz-zewg partijiet in kwantu ghal wiehed minn hamsa [$^1/_5$] ikunu a kariku tar-rikorrent, filwaqt li r-rimanenti erbgha minn hamsa [$^4/_5$] ikunu a kariku tal-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df